Kunsill Lokali Fontana

Il-Minuti ta' 14-il Laqgha tal-Kunsill Lokali Fontana, li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fontana nhar il-Gimgha, 27 ta' Frar 2009.

Il-Laqgha bdiet fis-saghtejn neqsin kwart ta' wara nofs-in-nhar.

| **Prezenti** | **Membri** |
| --- | --- |
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Vici Sindku | Is-Sur Tony Borg |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Horace Micallef |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sinjura Josianne Cassar |
| **A/Agent Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Emmanuel Terribile |

Il-Laqgha kienet preseduta mis-Sindku Saviour Borg.
Is-Segretarju Ezekuttiv qalet it-talba.

Fil-bidu tal-Laqgha is-Sur Wally Terribile talab li qabel il-Kunsill jghaddi ghall-Agenda jinghatalu l-permess sabiex jitkellem fuq il-hlasijiet tas-salarji dovuti lilu mill-Kunsill. Il-Kunsill gie infurmat li jista jehel multa ta' €50 jekk f'dik il-gurnata ma' tidholx ghand l-Inland Revenue il-formola FS5.

Il-Kunsillier Lorry Apap staqsa jekk kienx hemm risposta mid-Direttur, Gvern Lokali ghat-tieni talba tal-Kunsill, fir-rigward il-hlasijiet dovuti lis-Sur Terribile; is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-Kunsill ma' irceva ebda risposta ghat-tieni talba tieghu.

Is-Sinjura Cassar intalbet sabiex iccempel lid-Direttur u titlob risposta ghat-tieni talba tal-Kunsill; is-Sinjura Cassar infurmat lil Kunsill li d-Direttur ma' kienx qed jigi milhuq permezz tat-telefon.

## Qari u Approvazzjoni tal-Minuti ta' l-ahhar Laqgha

Inqraw il-Minuti ta' l-ahhar Laqgha tal-Kunsill.

Kunsill Lokali – Fontana- Local Council
Flat 1, Tal-Ghajn Flats
Tal-Ghajn Street
Fontana FNT 9024
Tel 21558877 Fax 21562555

S. Borg

**Kunsill Lokali Fontana**

Mill-Minuti:

Il-Kunsillier Horace Micallef ghamel mistoqsija jekk nies mhux residenti minn Fontana kienux qed ihallsu ghal hargiet li l-Kunsill kien jaghmel. Is-Sindku informa lil Kunsill li nies mhux residenti fil-Fontana dejjem hallsu sabiex jippartecipaw fil-hargiet tal-Kunsill. Is-Sindku qal li kien hemm ftit rezidenti barra minn Fontana li xi darba ma hallsux. Is-Sindku kien qieghed jipproponi li nies mhux residenti ta' lokal ma jattendux ghal hargiet kulturali tal-Kunsill, dejjem jekk il-Kunsill kien qed jaqbel mal-proposta tieghu.

Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku Saviour Borg, b'risposta ghall-mistoqsija dwar hruq konsistenti tal-bozoz tal-fanali fi Triq il-Kappillan Hili, qal li wiehed irid jara jekk il-bozoz li qed jitwahhlu humiex bozoz inferjuri ghal dawk li suppost iservu 12,000-il siegha.

F'dan l-istadju, l-Agent Segretarju Ezekuttiv Wally Terribile staqsa jekk il-Kunsill kienx ser itih risposta defenittiva dwar il-hlasijiet tas-salarji tieghu. Il-Vici Sindku Tony Borg ippropona li l-Kunsill ihallas lis-Sur Terribile mill-flus tal-Kunsill, u wara il-Kunsill jitlob lura dawn il-hlasijiet lid-Dipartiment Gvern Lokali permess ta' transfer voucher. Kemm is-Sindku kemm il-Kunsillier Lorry Apap asstjenew ghal din il-proposta.

F'dan l-istadju s-Sinjura Cassar intalbet mill-Kunsill iccempel lis-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said dwar il-hlasijiet dovuti lis-Sur Terribile. Is-Sinjura Cassar infurmat lill-Kunsill li Dr.Chris Said qalilha li fil-bidu tal-gimgha li kienet diehla ser tinghata risposta.

Il-Kunsillier Lorry Apap talab li jirtira mill-Laqgha tal-Kunsill minhabba impenji ta' xoghol. Il-Kunsillier Lorry Apap irtira mill-Laqgha fi 3.00pm.

Kunsill Lokali – Fontana- Local Council
Flat 1, Tal-Ghajn Flats
Tal-Ghajn Street
Fontana FNT 9024
Tel 21558877 Fax 21562555

S. Borg

**Kunsill Lokali Fontana**

Tkomplew jinqraw il-Minuti.

Waqt it-tkomplija tal-qari tal-Minuti kien irregistrat nuqqas ta' qbil fuq x'gara ezattament fil-Laqgha ta' 12 ta' Frar 2009; is-Sindku Saviour Borg jikkontendi li talab lis-Sur Terribile sabiex ma' johrogx mill-Laqgha ghax ried jaghmel dikjarazzjoni, waqt li s-Sur Terribile jikkontendi li lis-Sindku ma semghux jaghmillu din it-talba. Is-Sur Lorry Apap irceva telefonata minn ghand is-Sindku sabiex jerga jattendi lura ghall-Laqgha fil-Kunsill, kif fil fatt ghamel. Meta mistoqsi mis-Sindku, il-Kunsillier Lorry Apap qal li is-Sur Wally Terribile kien prezenti.

Il-Laqgha giet xolta fit-3.20pm.

Emmanuel Terribile
A/Segretarju Ezekuttiv

Saviour Borg
Sindku

Kunsill Lokali – Fontana- Local Council
Flat 1, Tal-Ghajn Flats
Tal-Ghajn Street
Fontana FNT 9024
Tel 21558877 Fax 21562555